**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 31 ta' Mejju, 2017

Rikors Guramentat numru : 268/12 AL

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti, li ma humiex mizzewga, huma l-gerituri rispettivi ta' R D li twieldet fit-28 ta' Settembru 2011;
2. Illi inzammu proceduri ta' medjazzjoni bejn il-kontendenti dwar varji aspetti koncernanti l-minuri R D, liema proceduri gew maghluqa peress li l-intimat attenda biss darba ghal dawn il-laqghat bl-iskop li qatt ma jintlahaq ftehim, b'dan li l-medjazzjoni nghalqet fl-10 ta' Ottubru 2012 b'digriet numru 1764/12;

3. Illi l-esponenti tiehu hsieb il-minuri b’mod kontinwu u bhal issa qeghda tghix maghha b’dan li l-missier C D ikollu access meta jiftehmu bejniethom il-partijiet;
4. Illi missier il-minuri C D ghamel zmien jghati manteniment minimu ta’ mitejn u ghaxar Ewro (€210) kull erba’ gimghat ghall-minuri liema kontribuzzjoni giet imwaqqfa hesrem minn C D ghal ebda raguni gusta;
5. Illi l-intimat C D jahdem regolarment u ghalhekk ghandu qliegh tajjeb;
6. Illi l-minuri R D ghandha problema medika li spiss l-esponenti taghha jkollha tehodha ghal check-ups regolari ghax tbaghti minn fits u dan kif se jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
7. Illi ghalhekk huwa mehtieg li l-kura u kustodja tal-minorenni tigi fdata  b’mod permanenti lill-esponenti, kif ukoll li tigi iffissata retta alimentarja xierqa li ghandha tigi mhallsa mill-intimat C D fl-interess ta’ l-istess minuri;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex  in vista tal-premess :

1. Tafda u takkorda l-kura u l-kustodja tal-monorenni R D lill-esponenti;
2. Tiffissa retta alimentarja xierqa  li ghandha tigi mhallsa lilha mill-intimat fl-interess tal-minorenni R D liema retta alimentarja ghandha tinqata direttament mill-paga tal-intimat;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut intimat li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li in forza taghha eccepixxa :  (fol. 12)

1. Illi fl-ewwel lok jigi eccepit illi kuntrarjament ghal dak li qeghda tipprova taghti x’tifhem l-attrici fir-rikors promotur, m’huwiex minnu li l-access tal-esponenti favur il-minuri huwa wiehed regolari, izda sahansitra, l-esponenti ilu ma

jara lil minuri ghal aktar minn xahrejn u dan wara li l-attrici qeghda kostantament iccahhad lill-esponenti milli jara lil bintu. Jinghad ulterjorment illi llum-il gurnata l-access gie rregolat minn dina l-Qorti permezz ta' digriet pendente lite datat is-16 ta' Dicembru 2012;

2. Illi fit-tieni lok, jinghad ukoll illi l-kwistjoni tal-kura u l-kustodja tinsab regolata pendente lite permezz ta' digriet ta' dina il-Qorti datat it-8 ta' Novembru 2012, fejn dina il-Qorti iddekretat li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun kongunta, decizjoni li l-esponenti jaqbel maghha perfettament ghax tirrispekkja l-ahjar interessi tal-minuri;
3. Illi fit-tielet lok, jinghad illi l-kwistjoni tal-manteniment tinsab regolata pendente lite permezz ta' digriet ta' dina il-Qorti datat it-8 ta' Novembru, 2012, fejn dina il-Qorti ordnat lill-esponenti jhallas is-somma ta' €200 kull erba' gimghat flimkien ma nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni, decizjoni li l-esponenti jaqbel maghha perfettament ghax tirrispekkja kemm il-qaghda finanzjarja tieghu kif ukoll l-ahjar interessi tal-minuri;
4. Illi fl-ahhar nett, l-esponenti jeccepixxi illi ghandha tkun l-attrici li tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri stante illi apparti l-fatt li ma jistax jifhem x'inhu l-iskop ta' dawn l-istess proceduri stante illi mill-bidu nett huwa kien fuq quddiem biex ihallas l-access u jara lil bintu, mill-provi ghandu jirrizulta b'mod car illi l-vertenzi kollha odjerni nibtu minhabba l-fatt illi l-attrici b'pika kbira u lil hinn mill-interess tal-minuri, cahhditu minn bintu l-minuri ghal tul ta' zmien minghajr ebda gustifikazzjoni;
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-kaz;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-verbali tas-seduti li ġew miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat illi *pendente lite* il-kwistjoni tal-aċċess hija regolata permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Diċembru 2012 fejn il-konvenut għandu aċċess ta' sagħtejn kull nhar ta' Tlieta,

Ħamis u Sibt[1]; Fil-waqt illi l-kwistjoni tal-kura u kustodja u l-manteniment hija regolata permezz tad-digriet tat-8 ta' Novembru 2012, fejn il-Qorti ordnat illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tibqa' waħda konġunta u ordnat lill-intimat iħallas manteniment ta' €200 kull erba' ġimgħat flimkien ma' nofs l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni[2];

Rat illi matul dawn il-proċeduri, il-partijiet kienu reġgħu aċċedew għas-seduti tal-medjazzjoni bl-iskop illi jaslu għal ftehim bejniethom iżda dana inutilment għaliex ftehim ma ntlaħaqx. Jidher illi l-ikbar disgwid bejn il-partijiet jirrigwarda l-possibilita ta' *sleepover* għand il-missier.

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum sabiex tingħata s-sentenza, b'dana illi l-partijiet ingħataw il-fakolta` li jippreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet finali tagħhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali ippreżentati mill-abbli difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża fejn ir-rikorrenti qiegħda titlob li tiġi afdata esklussivament bil-kura u l-kustodja ta' bint il-partijiet, ossia il-minuri R D, imwielda fit-28 ta' Settembru 2011[3] u rikonoxxuta mill-intimat. Hija titlob ukoll li l-intimat iħallasha manteniment adegwat għall-minuri.

Mill-affidavit tal-attriċi jirriżulta li l-partijiet kellhom relazzjoni li minnha twieldet il-minuri R. Ir-relazzjoni ntemmet f'Novembru 2011 meta t-tifla kellha tliet xhur. Il-partijiet qatt m'għexu flimkien u l-minuri dejjem għexet m'ommha fid-dar tan-nanniet materni.

---

[1] Bejn l-4.00pm u s-6.00pm

[2] Bi ftehim bejn il-partijiet fil-medjazzjoni, l-aċċess tas-Sibt ġie mtawwal b'siegħa bejn it-3.00pm u s-6.00pm, filwaqt illi l-manteniment ġie awmentat għal €225.

[3] Iċ-ċertifikat tat-twelid relattiv huwa esebit fol. 4 tal-proċess

Jirriżulta illi l-minuri R tbati minn "focal cortical displaysia" u cioe mill-kondizzjoni tal-epilepsija u dana kif iċċertifikat mit-tabib kuranti tagħha Dr. Doriette Soler[4]. Hija tieħu żewġ tipi ta' mediċina filgħodu u filgħaxija biex ikunu kontrollati l-fits li ilha tbati minnhom minn mindu kellha tliet ġimgħat. Il-minuri tmur għall-visti l-isptar regolarment sabiex jiġi osservat l-iżvilupp tagħha u jaraw kif tkun sejra bil-mediċina.

Il-konvenut għamel perjodu lanqas iżomm aċċess regolari mat-tifla u lanqas imur jaraha. Kien imur biss meta jfettilu mingħajr regola. L-attriċi tirreferi għal okkażjoni fejn kellu joħroġ riżultat importanti tat-tifla, u minflok il-konvenut mar magħha għar-riżultat, ipprefera jmur għal appuntament tax-xogħol. Meta ma baqgħux flimkien, minkejja li kienet tinformah dwar l-appuntamenti mediċi tat-tifla, ma kienx imur magħha għax qalilha li kienet kapaċi tmur weħidha. L-attriċi xehdet[5] illi hija traqqad lit-tifla ħdejha biex tkun tista' taraha. Hi u ommha jalternaw mal-lejl fl-għassa tagħhom fuq it-tifla. It-tifla tmur skola regolarment u LSA m'għandhiex, għalkemm l-iskola hemm "nurse". *"It-tifla tgħidli li ma tridx tmur sleepover għand missierha u lanqas waqt l-aċċess ma tkunx trid tmur."*

Mix-xiehda tal-imsemmija Dr. Doriette Soler[6], il-kondizzjoni tal-minuri hi difett ġenetiku u tip ta' malformazzjoni tal-moħħ u għalhekk x'aktarx li ser tkun kondizzjoni matul ħajjitha kollha. Spjegat illi l-aċċessjonijiet ivarjaw minn fażi tajba u fażi ħażina. *"L-epilepsija hija unpredictable u attenzjoni jrid ikun hemm. Iridu joqogħdu attenti meta jagħtuha l-banju, jew joħduha tgħum, u bil-lejl iridu joqogħdu attenti. Il-ġenitur irid ikun jaf kif jagħraf l-aċċessjoni, kif jirrekordjaha u meta għandha tittieħed passi ta' emerġenza cioe meta għandha tittieħed il-valium jew l-isptar. Anke kuntatt mal-għalliema huwa mportanti għax l-għalliema wkoll iridu jkunu jafu kif jiħħendiljaw l-aċċessjoni u wkoll li tali kundizzjoni taffetwa l-edukazzjoni tat-tifla."*

[4] Ċertifikat iddatat il-15 ta' Jannar 2014, fol. 840.
[5] Xiehda mogħtija fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2016 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 921
[6] Mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fit-22 ta' Mejju 2014, fol. 868

Dr. Soler reġgħet xehdet iktar riċenti[7] fejn hija qalet li l-minuri kienet ratha l-aħħar fi Frar 2016 meta kien ilu sena ma jkollha aċċessjoni. Spjegat li aċċessjoni tista' sseħħ kemm bil-lejl kif ukoll bi nhar. Tgħid li jekk it-tifla mhux qe jagħtuha aċċessjonijiet tista' torqod f'kamra separata, imma meta jagħtuha ta' sikwit trid tkun sorveljata. It-tifla tmur għall-appuntamenti ma' ommha. Fil-bidu, l-partijiet kienu jmorru għandha flimkien. Kien f'Ġunju 2016 li l-missier reġa għamel kuntatt max-xhud. *"Naqbel li l-omm tagħmel xogħolha u ta' omm tajba mill-aspetti kollha."* L-istress ma jittriggerjax l-aċċessjonijiet.

Dwar l-aċċess, l-attriċi tgħid li l-minuri ma tkunx trid tmur mal-papa u għalhekk meta jkun hemm il-ġranet tal-aċċess il-konvenut kien imur għand ommha (cioe in-nanna materna). Tinsisti li l-konvenut ma jafx jamministra l-mediċini lil bintha, u għalhekk hi ma taqbilx li t-tifla tmur torqod għand il-konvenut *"minħabba l-mediċini li tieħu u l-metodu ta' kif teħodhom."* Il-konvenut xehed li huwa jara lit-tifla skont id-digriet u s-Sibt jaraha għal tliet sigħat minflok sagħtejn. Hu jsostni li peress li l-mediċina bintu teħodha filgħodu u filgħaxija, waqt l-aċċess ma jkollhiex bżonn mediċina[8]. *"Il-kura qatt ma tajthielha għax qatt ma kelli l-opportunita`. Kif tagħtiha n-nanna nista' nagħtihielha jien ukoll."* Isem il-mediċina u d-doża ma jafhiex.

Il-Qorti tirrileva illi fil-mori tal-proċeduri kien hemm progress notevoli f'dak illi jirrigwarda l-interess muri mill-konvenut versu bintu. Dana mexa minn bniedem b'nuqqas kbir ta' interess f'bintu, tant illi m'attendiex għas-seduti tal-medjazzjoni[9], għal missier li ssieħeb *f'support group* għall-ġenituri li uliedhom ibatu bil-kondizzjoni tal-epilepsija. Fil-bidu, huwa ma kienx qiegħed jinforma ruħu fuq din il-kondizzjoni u kien biss meta l-Qorti ċaħdet it-talbiet tiegħu biex il-minuri jkollha *sleepover* għandu li reġa beda bil-kuntatt ma' Dr. Soler[10], it-tabib kuranti tal-minuri u

[7] Xiehda mogħtija fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2016 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 914

[8] Xiehda mogħtija fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2015 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 876

[9] Ara d-dokument tal-għeluq tal-medjazzjoni, fol. 5

[10] F'Ġunju 2016

fittex ukoll l-għajnuna tal-Caritas[11]. Fix-xhieda tiegħu f'Settembru 2016[12], spjega li huwa kien lest li jagħmel ilqugħ mas-sodda tat-tifla sabiex ma taqax. Spjega dwar it-tliet tipi ta' detectors li jdoqqu alarm jekk it-tifla jkollha aċċessjoni. "*Biex ninforma ruħi iltqajt u ingħaqadt mal-membri ta' Caritas Malta li għandhom grupp dwar l-epilepsija u qiegħed f'kuntatt ma' Dr. Janet Mifsud li hija l-advisor mal-group. ... Naf li l-gluten, soy u carbohydrates jittrigerjaw aċċessjoni u li hemm bżonn ta' dieta katogenic apposta*."

Rigward l-impjieg tal-konvenut, il-Qorti ġiet a konjizzjoni tal-*employment history*[13] tal-konvenut, minn fejn jirriżulta illi l-konvenut fil-passat ħadem bħala wejter ma' diversi kumpaniji kemm part-time kif ukoll full-time. L-aħħar entrata fl-employment history tiegħu hija ddatata fit-28 ta' Diċembru 1999, fejn huwa ttermina l-impjieg tiegħu part-time ma' Cavendish Hotels; Wara dik id-data ma jirriżulta ebda impjieg. Madankollu meta mistoqsi in subizzjoni[14] dwar l-impjieg tiegħu, huwa xehed li jagħmel xogħol ta' sensar iżda mhux reġistrat ma' xi estate agency. *"Ma' Impact Real Estate ma bqajtx naħdem u llum self-employed u naħdem bħala sensar."*[15] Skond il-formoli tat-taxxa[16] relattivi għall-qligħ tiegħu fis-snin 2012, 2013 u 2014, fl-2012 huwa qala' €10,962, fl-2013 huwa qala' €12,060 u fl-2014 huwa qala` €12,384. Dawn il-figuri ma jieħdux konsiderazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Soċjali u għalhekk jidher illi l-qligħ dikjarat tal-konvenut huwa ta' €200 fil-ġimgħa nett.

Min-naħa tagħha l-attriċi taħdem bħala *support clerk* ma' GasanMamo Insurance Limited u dan sa minn Settembru

---

[11] Ukoll f'Ġunju 2016 għaliex f'Settembru 2016 huwa xehed li kien ilu iktar minn xahrejn li rrikorra għand il-Caritas.

[12] Xiehda mogħtija fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2016 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 918

[13] Esebita minn Joseph Saliba rappreżentant tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ fis-seduta miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fit-13 ta' Jannar 2014, fol. 29

[14] Fis-seduta miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fit-13 ta' Jannar 2014, fol. 26 et seq.

[15] Xiehda mogħtija fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2015 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 876

[16] Fol. 893 et seq.

2006[17]. Minn dan l-impjieg, fl-2012 hija qalgħet is-somma medja ta' €1033 netti kull xahar[18] jew €238 fil-ġimgħa.

## PRINĊIPJI LEGALI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli[19] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment*;"

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[20], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs. Amelia Cutajar et [21] u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony

---

[17] *Employment history* esebita minn Joseph Saliba rappreżentant tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ fis-seduta miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fil-21 ta' Frar 2014, fol. 85

[18] Dana jirriżulta mill-FS3 tagħha għas-sena 2012, esebita fol. 841 u mmarkata Dok. FF2. (€13,646 - €57 (taxxa) - €1184 (kontribuzzjonijiet tas-sigurta` soċjali) = €12,405 ÷12 = €1,033.75)

[19] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP

[20] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858;

[21] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956;

Scicluna[22] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Il-Qorti għaldaqstant għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-konjuġi bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[23].

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri.

Kif jaf kulħadd, meta l-Qorti tiġi biex tistabbilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda fl-artikolu 20 ta' l-istess Kapitolu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

---

[22] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP)

[23] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust.***

<u>APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN</u>

L-attriċi tissottometti li in vista li l-konvenut kien il-kaġun tat-tħassir tar-relazzjoni bejn il-partijiet, meta l-minuri kellha tliet xhur biss u wkoll in vista tal-fatt li dejjem kienet hija li ħasbet għall-ħtiġijiet tal-minuri, għalhekk "ikun ġust" li l-Qorti tafdalha l-kura u l-kustodja tal-minuri b'mod esklussiv.

Il-Qorti ma taqbilx. Fl-ewwel lok, dak illi seħħ bejn il-partijiet relattiv mar-relazzjoni tagħhom, bl-ebda mod m'għandu jimpinġi u jaffettwa l-jeddijiet tal-ġenituri. Fit-tieni lok, huwa minnu li l-attriċi ħadet it-trobbija tat-tifla b'impenn sħiħ u li b'maturita kbira, l-attriċi affaċċjat il-kondizzjoni ta' bintha u tieħu

ħsiebha mill-aħjar anke bl-għajnuna tan-nanna materna - aġir eżemplari li l-Qorti tapprezzah ferm. Iżda mill-assjem tal-provi, ma jirriżultax li jeżistu l-estremi li jkunu jiġġustifikaw li l-missier jiġi mċaħħad mill-kura u l-kustodja ta' bintu.

Dana għaliex minkejja li l-konvenut interessa ruħu fil-kondizzjoni ta' bintu reċentement biss, jidher li huwa ħa ħsieb iħallas il-manteniment tagħha puntwalment u mingħajr problemi, stante li kien biss fil-bidu, li l-attriċi lmentat f'dan is-sens. Jieħu ħsieb ukoll li jiltaqa' ma' bintu fil-ħinijiet stipulati għall-aċċess tiegħu. Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-kura u l-kustodja tal-minuri R għandha tibqa' waħda konġunta, b'dan illi l-minuri tibqa' tirrisjedi regolarment mal-attriċi.

L-ikbar disgwid bejn il-partijiet huwa l-*isleepover* tal-minuri għand il-missier darba fil-ġimgħa. L-attriċi toġġezzjona għal dan u dana prinċiparjament għar-raġuni tal-kondizzjoni tal-epilepsija li t-tifla tbati minnha. Hija ġustament tirrileva li sa ftit tax-xhur ilu, l-konvenut lanqas biss kien jaf x'mediċina tieħu t-tifla u d-doża tagħha. Ġustament ukoll, tissottolineja l-kura ampja li hija tieħu ta' bintha.

Il-konvenut da parti tiegħu jitlob li meta t-tifla tagħlaq seba' snin, huwa jibda jkollu aċċess magħha tliet darbiet fil-ġimgħa li waħda minnhom tkun *sleepover*. Huwa jiċċita diversi sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem in sostenn tal-argomenti tiegħu.

Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata. Il-każ in eżami m'huwiex wieħed sempliċi għaliex il-minuri tbati minn kondizzjoni li tista' tkun ta' periklu għal ħajjitha u l-Qorti bl-ebda mod ma tixtieq tipperikola l-ħajja tal-minuri.

Illi għaldaqstant, wara deliberazzjoni profonda, l-Qorti ser tasal għad-deċiżjoni tagħha wara li ħadet konsiderazzjoni tas-segwenti:

1. Il-kondizzjoni tal-minuri ġiet stabilizzata permezz ta' mediċina li trid tingħatalha skruplożament, u l-minuri ilha ma tbati minn aċċessjoni;
2. Ix-xiehda ta' Dr. Doriette Soler li meta l-kondizzjoni tiġi hekk kontrollata, l-minuri tista' anke titraqqad separatament;
3. Li l-istress ma jittrigerjax aċċessjoni, kuntrarju għal dak li tallega l-attriċi;
4. Huwa ta' ġid għall-minuri li b'passi meqjusa tersaq għal dak li huwa normali fil-ħajja ta' tfal oħra li ma jbatux mill-istess kondizzjoni bħalha, fost affarijiet oħra, li jkollha *sleepover* kultant żmien għand missierha; Wieħed irid iżomm f'moħħu li minkejja l-isfida li ġġib magħha l-kondizzjoni tal-minuri, l-iskop aħħari għandu jkun l-integrazzjoni sħiħa tat-tifla fis-soċjeta`, għalissa fl-iskola, 'il quddiem f'istituzzjonijiet edukattivi kbar b'ferm inqas protezzjoni, u iktar tard fid-dinja tax-xogħol. Jeħtieġ li l-minuri tkun esperjenzat il-fatt, li minkejja li hemm ċertu limitazzjonijiet fuqha, bħalma huwa f'dak illi tiekol u li trid bħala regola tieħu l-mediċina kuljum, f'ħajjitha tista' timxi l-quddiem bħal tfal oħra. Jekk nistgħu nafdaw lill-minuri mal-għalliema tagħha, il-Qorti ma tarax għalfejn ma nistgħux nafdawha wkoll ma' missierha. Aċċessjoni tista' sseħħ kull ħin tal-jum u hija xi ħaġa imprevedibbli.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li jkun ta' ġid għall-minuri li darba kull ġimgħatejn hija torqod fir-residenza ta' missierha l-konvenut, li min-naħa tiegħu għandu jaċċerta ruħu li jonora skruplożament dawn l-ordnijiet li l-Qorti qed tagħmillu fl-interess tal-minuri:

1. Jiltaqa', a spejjeż tiegħu, mill-inqas darbtejn (iktar minn darbtejn jekk huwa jħoss il-ħtieġa) fix-xhur ta' Ġunju u Lulju 2017 ma' Dr. Doriette Soler sabiex hija tispjegalu fid-dettall il-kondizzjoni partikolari ta' bintu, il-mediċina li trid tingħata, fi x'ħin trid tingħata u d-doża tagħha.

Tispjegalu wkoll l-attivitajiet li bintu għandha tevita u wkoll l-ikel li m'għandhiex tingħata. Jitgħallem kif jagħraf aċċessjoni u xi jrid jagħmel b'mod immedjat f'każ ta' aċċessjoni.

2. Jobdi skruplożament il-gwida li tagħtih Dr. Soler, partikolarment f'dak li jirrigwarda l-mediċina li jrid jissomministra lill-minuri;
3. Jibqa' hekk in kuntatt ma' Dr. Soler mill-inqas ta' darba fis-sena;
4. Juża sistema ta' sorveljanza fuq bintu meta din tkun rieqda fir-residenza tiegħu sabiex huwa jkun f'pożizzjoni li jgħasses jekk it-tifla jagħtiha aċċessjoni;
5. Jibqa' membru tal-Caritas Malta Epilepsy Association u jibqa' jinforma ruħu dwar il-kondizzjoni tal-epilepsija;

Dwar il-manteniment, l-attriċi tgħid illi l-ammont dekretat ta' mitejn Ewro kull erba' ġimgħat m'huwiex biżżejjed għaliex il-minuri hija wkoll *lactose intolerant* u huwa ta' benefiċċju għaliha li tiekol ikel organiku. Hija tissottometti li l-manteniment għandu jkun mill-inqas ta' €250 kull erba' ġimgħat flimkien ma' nofs l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni.[24] Min-naħa tiegħu, il-konvenut huwa tal-fehma li l-manteniment li jgħaddi, li effettivament huwa ta' €225 kull erba' ġimgħat, huwa ġust u jirrispekkja l-introjtu tiegħu.

Il-Qorti kkunsidrat illi fil-każ odjern l-ispejjeż marbuta mat-trobbija tal-minuri huma ogħla mill-medja in vista li l-minuri teħtieġ dieta speċjali. Tapprezza li dan it-tip ta' ikel jiswa iktar. Illi għalhekk, tenut kont ukoll l-introjtu tal-partijiet, ser tawmenta ir-rata tal-manteniment għal mitejn u ħamsin Ewro (€250) kull erba' ġimgħat, filwaqt illi żżomm ferm d-digriet tagħha in kwantu jirrigwarda l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni, fejn il-konvenut għandu jħallas nofs dawn l-ispejjeż meta muri l-irċevuti relattivi.

---

[24] Nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi, paragrafu 4

**DEĊIDE**

Għalhekk, għar-raġunijiet suesposti, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba limitatament billi tiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-minuri R D qed tiġi fdata b'mod konġunt bejn il-partijiet. Il-minuri tirrisjedi regolarment mal-attriċi filwaqt illi l-konvenut ikollu aċċess kull nhar ta' Tlieta u l-Ħamis bejn l-4.00pm u s-6.00pm u kull nhar ta' Sibt bejn it-3.00pm u s-6.00pm. Mill-1 ta' Settembru 2017, kull ġimgħatejn, l-aċċess tas-Sibt ikun sat-3.00pm tal-għada l-Ħadd. Fil-ġranet tal-Milied, l-Ewwel tas-Sena, l-Għid il-Kbir, Jum il-Missier, għeluq snin il-missier u għeluq snin il-minuri, il-konvenut ikollu aċċess addizzjonali bejn it-3.00pm u s-6.00pm, jekk dawna jaħbtu fil-jiem meta l-konvenut ma jkollux diġa aċċess. Il-ġenituri għandhom id-dritt li jkunu t-tnejn preżenti fi ġranet importanti f'ħajjet il-minuri bħalma huma Parents Day, Sports Day, Prize Day, performances fil-Milied jew fl-Għid il-Kbir, Jum l-Ewwel Tqarbina u Jum il-Griżma;

2. Tilqa' t-tieni talba billi tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti is-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) kull erba' ġimgħat, rappreżentanti manteniment għall-minuri R, kif ukoll nofs l-ispejjeż tas-saħħa u l-edukazzjoni tagħha; Dan l-ammont jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja; Dan il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax-(18)-il sena jew tibda taħdem fuq bażi *full-time*, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ illi bint il-partijiet tibqa' tistudja, fuq bażi *full-time*, wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm it-tifla tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema

eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children's allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi.

Bl-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

Imhallef

Deputat Registratur